***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

***- NULLITA-***

***ART 831 U 832 TAL-KAP 12***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Gimgha, 21 ta' Lulju 2017.

## Rikors Numru: 918/2017/1/LSO

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 918/2017/LSO fl-ismijiet:-**

**Rebecca Galea ID 471632(M)**

**vs**

**Emanuel Spagnol ID 353254 (M) u Luiga Spagnol ID 44455(G)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Rebecca Galea I.D. 471632 (M) datat it-22 ta' Gunju 2017 fejn inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponent;

Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izzomm lill-intimati milli jbieghu, jassenjaw jew jitrasferixxu jew b'xi mod iehor jikkoncedu drittijiet fuq beni immobiljarji li huma jippossjedu senjatament fuq is-segwenti proprjetajiet:

1. Numru tmienja u erbghin (48), Triq San Klement, Zejtun.

Il-pretensjoni tal-esponenti tinsab dedotta permezz ta' Rikors Guramentat prezentat kontestwalment ma' dan il-mandat.

Illi l-esponenti se tigi pregudikata jekk l-intimati ma jigux inibiti kif inghad;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel il-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tat-22 ta' Gunju 2017 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament, appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-6 ta' Lulju 2017, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Emanuel Spagnol (ID 353254 M) u Luiga Spagnol (ID 44455G) datata 26 ta' Gunju 2017 a fol 8 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-20 ta' Lulju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret bint ir-rikorrenti assistita minn Dr Ludvic Caruana u l-intimat assistit minn Dr Carl Grech. Dr Caruana talab li jigi awtorizzat jipprezenta kopja tar-ricerki aggornati ta' Camillo Spagnol minn fejn jirrizulta li t-trasferiment muri b'Dok 'A' mar-risposta ma giex insinwat. Dr Grech irrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba. Dr Caruana esebixxa nota b'dokumenti, u ghadda kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

**Kunsiderazzjonijiet:**

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed titlob il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex twaqqaf lill-intimati milli jbieghu, jassenjaw jew jitrasferixxu jew b'xi mod iehor jikkoncedu drittijiet fuq beni immobiljarji li huma jippossjedu senjatament fuq il-proprjeta` bin-numru tmienja u erbghin (48), Triq San Klement, Zejtun.

Id-debita nota ta' iskrizzjoni giet ipprezentata.

Gie eccepit fl-ewwel lok, in-nullita` tar-rikors promotur *ai termin*i tal-**artikolu 831(1) tal-Kap 12** *stante* li t-talba odjerna ma fihiex l-origini u x-xorta tad-debitu u, jekk id-dritt imfittex huwa dejn, m'hemmx indikazzjoni tal-ammont li qed jintalab. L-intimati eccepew li Luiga Spagnol qatt ma kellha titolu fuq l-imsemmi fond. Inoltre`, l-utile dominju tal-istess fond ma kienx jappartjeni lill-intimati kwindi ma jistghux jigu mwaqqfa milli jbieghu, jassenjaw, jew jitrasferixxu drittijiet fuq dan l-imsemmi fond.

L-intimati opponew ukoll, billi sostnew li r-rikorrenti ma gabet l-ebda provi tal-jeddijiet pretizi minnha lanqas fuq bazi *prima facie*, b'hekk iz-zewg elementi rikjesti bil-ligi huma karenti.

**<u>Rizultanzi fattwali:</u>**

Jirrizulta mit-trattazzjoni li Maria Dolores Ellul, wahda mill-erba' wlied tal-genituri konjugi Frendo kienet wirtet l-imsemmi fond numru tmienja u erbghin (48) permezz ta' prelegat minghand missierha. Konsegwentement ittrasferiet il-fond b'*datio in solutum* lil Emanuel Spagnol.

Ir-rikorrenti qed tikkontendi li trid tikkawtela l-pretensjonijiet taghha li ddeduciethom f'kawza. Hi esebiet kopja tar-rikors guramentat wahdu u minghajr l-ebda dokument iehor wara li pprezentat il-mandat odjern fejn qed tikkontendi li hemm dubji u suspetti dwar il-validita` ta' kuntratt li sar min-Nutar Carbonaro, u ghall-att korrettorju ppubblikat mill-istess Nutar.

**Legittimu Kuntadittur**

L-intimat irribatta li mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn l-atti billi ttrasferixxa l-imsemmi fond b'subenfitewsi temporanju ghal fuq ibnu permezz ta' Dok A esebit mar-risposta tal-istess intimati.

Madanakollu r-rikorrenti esebiet ricerki aggornati mahrugin mill-Insinwa fuq iben l-intimat minn fejn jirrizulta li tali trasferiment ma giex insinwat u ghalhekk mhuwiex opponibbli ghall-terzi.

Ghaldaqstant il-qorti tichad din l-eccezzjoni.

**Nullita` tar-Rikors odjern *ai termini* tal-artikolu 831(1) tal-Kap 12**

Gie eccepit li r-rikors promotur huwa null *ai termini* tal-**artikolu 831(1) tal-Kap 12** *stante* li t-talba ghall-hrug ta' Mandat ma fihiex l-origini u x-xorta ta' devitu tal-pretensjoni tar-rikorrenti. Difatti, saret referenza ghad-decizjoni fil-kaz Nru 462/2015/1LSO fl-ismijiet **Magri vs Dr. Alessandro Lia [1]** fejn gie trattat tali nullita'.

Il-punt sollevat hawnhekk, jitratta difett radikali fir-rekwizit ta' forma rikjesta mil-ligi u ghalhekk ghandha tigi indirizzata.

F'dan il-kuntest, huwa relevanti l-**artikolu 789(1) tal-Kap 12**, fejn jinsabu stabbiliti r-ragunijiet sabiex l-eccezzjoni ta' nullita` tista' tinghata. L-att gudizzjarju jista' jitqies li ma jiswiex:

(a) jekk in-nullita` hija dikkjarata mil-ligi espressament;
(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;
(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;
(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.

[1] Moghti fit-28 ta' April 2015 minn din il-Qorti.

Illi fl-eccezzjoni taghhom, l-intimati jindikaw is-subincizi (a) u (d) ta' dan l-artikolu.

Madanakollu skont il-proviso ghall-istess artikolu ma tistax tinghata l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (*a*), (*ċ*), u (*d*) jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi. Hu pacifiku li dan jaghmel kap ghall-artikolu 175 tal-Kap 12 li jippermetti korrezzjonijiet fl-atti gudizzjarji fit-termini imfissra f'dik id-disposizzjoni. Jigi notat li fil-kaz odjern ma ntalbet l-ebda korrezzjoni izda r-rikorrenti esebiet kopja tar-rikors guramentat u tistrieh fuq dak hemm kontenut bhala spjegazzjoni tar-raguni ghall-hrug tal-mandat. Id-difensur taghha ssottometta li dan kien bizzejjed biex jissana n-nullita'.

Illi hu pacifiku li l-att gudizzjarju ghandu sa fejn jista' jkun, jigi salvat, izda l-Qorti ma tistax tinjora t-traskuragni fit-thejjija tal-atti gudizzjarji li jitressqu quddiemha.

Illi fil-kaz in ezami, m'hemmx stipulat fir-rikors x'tip ta' pretensjoni jew debitu ghandha r-rikorrenti u jekk id-dritt pretiz jikkonsistix f'dejn jew fi hlas b'ammont ta' flus. Ikkunsidrat li dawn l-ommissjonijiet jikkostitwixxu difett gravi billi l-att huwa nieqes minn partikolaritajiet essenzjali mehtiega bil-ligi hekk, kif provdut fl-artikolu 789(1)(a) sucitat.

Illi gie eccepit ukoll, li r-rikors odjern huwa wkoll nieqes minn indikazzjoni ta' ammont ikkalkolat *ai fini* tal-hrug tal-

Mandat kawtelatorju miltub, rekwizit ukoll mehtieg taht piena ta' nullita, u li ghaliha japplika s-subinciz 789(1)(a) tal-Kap 12.

Minn qari tar-rikors guramentat anness, ir-rikorrenti qed titlob il-hlas tad-danni. Huwa minnu li l-kreditu pretiz huwa wiehed *da liquidarsi* izda huwa car li l-legislatur kien anticipa din l-eventwalita` fl-**artikolu 832** tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinsisti li jigi mfisser ammont pretiz anke f'kaz bhal dan. Skont dan l-artikolu "*meta l-jedd li wiehed irid iqieghed fiz-zgur bil-mandat ikun kreditu, jew kreditu li tkun sodisfatta bi hlas ta' somma ta' flus, bhal ma hu l-kaz odjern, ir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni bil-gurament imsemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, ghandu ighid kemm hija bejn wiehed u iehor, fil-fehma tieghu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tieghu*."

Wara li l-Qorti fliet ir-rikors in ezami, m'hemm l-ebda hjiel u indikazzjoni tax-xorta ta' pretensjoni jew debitu pretiz, lanqas hemm indikazzjoni ta' hlas mitlub jew indikazzjoni ta' ammont. Inoltre` ma jissemma xejn li jista' jkun ta' indikazzjoni jew punt ta' referenza ghal dak li jrid jigi kkawtelat. Ir-rikorrenti semplicement taghmel riferenza ghall-kawza li hi pprezentat minghajr ma tat dettalji ta' xejn.

Tali nuqqas huwa gravi u serju bizzejjed li jimmerita s-sanzjoni ta' nullita'. L-artikolu 175 jippermetti xi korrezzjonijiet purke' s-sostituzzjoni jew tibdil ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni. Fil-kaz odjern l-

eccezzjoni ta' nullita' giet sorvolata *in limine* u certament kienet tigi pregudikata .

Infatti lanqas ma ntalbet korrezzjoni skont l-artikolu 175 tal-Kap 12.

Ghaldaqstant, ir-rikors odjern huwa difettuz u monk u mhuwiex sanabbli.

Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-mertu tal-mandat izda, anke fuq dan il-binarju, l-mandat ifalli billi r-rikorrenti ma ppruvatx soddisfacentement id-dritt taghha *prima facie*.

***Prima Facie***

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-

hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet.[2] L-insenjament tal-gurisprudenza huwa kostanti f'dan ir-rigward u li dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi.

Proprju dwar dan l-element tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fil-kaz **Grech proprio et noe vs Manfre`** (kollez Vol. LXXII.ii.290) irriteniet:

*"….huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."*

**<u>Applikazzjoni ghall-kaz in ezami:</u>**

Illi dwar dan il-jedd *prima facie*, l-avukat difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni jistrieh fuq l-evidenza *prima facie* fuq zewg binarji, u cjoe`, r-rikors guramentat esebit a fol 17 *et sequitur* tal-process, kif ukoll il-kwerela pprezentata minn Dr. Peter Borg Costanzi lill-Pulizija ghan-nom tar-rikorrenti, sabiex jigi investigat il-kuntratt datat 7 ta' Lulju 1995. Illi dan l-argument abbazi ta' dawn iz-zewg binarji ma jregix *stante* li fl-atti gie esebit biss ir-rikors guramentat, s[provvist minn kull dokument in sostenn tal-istess, li mhuwiex prova sufficjenti lanqas a bazi *prima facie* biex tohloq *fumus*

[1] Ara f'dan is-sens "**Grech proprio et nomine vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

*guridiku* kontra l-validita' tat-titolu tal-intimat. Ir-rikorrenti tikkontendi li missierha ma setax jaghti titlu ta' prelegat tal-fond fl-intier tieghu lil ohta (l-awtrici fit-titlu tal-intimat) izda lanqas esebiet l-icken dokument biex tissostanzja din il-pretensjoni.

Il-procedura odjerna hija wahda eccezzjonali u l-esebizzjoni ta' rikors guramentat minghajr l-icken dokument li jista' jissorreggi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti, kemm dwar il-validita' tat-trasferiment oneruz li sehh iktar minn ghaxar snin ilu, jew in sostenn ta' xi qerq, mhuwiex bizzejjed biex jissoddisfa l-element tal-ligi u jiggustifika l-applikazzjoni ta' misura hekk eccezzjonali.

Illi fir-rikors guramentat, hemm referenza ghall-fatt li fis-7 ta’ Lulju 1995, Maria Dolores Ellul ittrasferiet lill-intimat l-imsemmi fond permezz ta’ *datio in solutum*, u sussegwentement, sar att korrettorju li qed jigi kkontestat. Madankollu, jigi nnutat, li ma tressqet l-ebda evidenza dwar l-esistenza ta' dan l-att korrettorju u lanqas tressqet imqar in-nota tal-insinwa, li saret referenza ghaliha fir-rikors a fol 18.

Ghalhekk, taqbel ma’ dak sottomess mill-avukat difensur tal-intimat li m’hemmx evidenza *prima facie* li tissostanzja t-tezi tar-rikorrenti oltre` mera allegazzjonijiet u kontestazzjonijiet verbali li l-kuntratt ta' *datio in solutum* kif ukoll l-att korrettorju huma foloz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti hija tal-fehma li ma jezistux l-elementi mehtiega ghall-hrug tal-mandat ta' Inibizzjoni *de quo*, ghaliex ir-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova jedd *prima facie* biex titlob il-hrug tal-mandat odjern.

Gjaladarba dan l-element ma jissustix, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni ta' irrimedjabilita` peress li z-zewg elementi huma kumulattivi.

**<u>III. DECIDE.</u>**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi jirrizultalha li ma giex ippruvat dritt *prima facie* vantat mir-rikorrenti, u konsegwentement, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-22 ta' Gunju 2017 fejn laqghet it-talba provisorjament, tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**21 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Lulju 2017**